MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Numru. 1049/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**

**vs**

**Silvio Roberts**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Silvio Roberts, iben Paul u Carmen nee' Bianco, imwieled Isla nhar is-26 ta' Novembru 1990, residenti 1, Triq il-Habs l-Antik, Isla u detentur tal-karta tal-identita' numru 228491(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fix-xahar ta' Awwissu 2009 minn gewwa numru 4, Triq San Lawrenz, Birgu ikkommetta serq ta' diversi affarijiet li l-valur taghhom jeccedi il-232.94 Euro (LM100) izda ma jeccedix il-2329.4 Euro (LM1000) ghad-dannu ta' Gilmour

Anthony Micallef, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u bil-mezz.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 7 ta' Ottubru 2009 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-5 ta' Frar 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2010 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li l-imputat ghandu l-fedina penali netta, u l-fatt li r-res furtiva giet ritornata kwazi kollha kif ukoll kkunsidrat l-eta' zghira tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263 u 267 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 (1) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lil hati taht ordni ta' probation ghal

perjodu ta’ sentejn(2) millum taht is-segwenti kunidizzjonijiet :

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ sentejn(2) Silvio Roberts ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress ta’ Silvio Roberts kull sitt (6) xhur bil-miktub.

3. Silvio Roberts ghandu javza mmedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f’ kuntatt ma’ l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta’ l-istess Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------